# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 01

It-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Il-membri eletti fl-elezzjoni ta1-25 ta' Mejju 2019 kienu kollha preżenti. Dawn huma :-

L-Av. Daniel Attard
Is-Sinjura Liza Mintoff
Is-Sur Salvatore Felice Pace
Is-Sur Emmanuel Mintoff
Is-Sur Sammy Saliba

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa l-Kunsillier Salvatore Felice Pace ippresieda l-laqgħa bħala l-kunsillier l-aktar anzjan.

## 01.1 Ħatra ta' Sindku

**01.1.01** Skond l-Att dwar il-Gvern Lokali l-Kunsillier elett bl-akbar ammont ta' voti minn fost il-kandidati tal-partit li jkun ġab il-maġġoranza ta' Kunsillieri għandu jingħata l-kariga ta' Sindku.

**01.1.02** Is-Sur Salvatore Felice Pace għalhekk staqsa lill-Av. Daniel Attard jekk hux se jaċċetta il-kariga ta' Sindku. L-Av. Daniel Attard aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 01.2 Ħatra ta' Viċi Sindku.

**01.2.01** Il-kariga ta' Viċi Sindku għandha tingħata lill-Kunsillier li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti minn fost il-kandidati tal-partit li jkun ġab il-maġġoranza ta' Kunsillieri.

**01.2.02** Għalhekk is-Sur Salvatore Felice Pace staqsa lis-Sur Emanuel Mintoff jekk hux se jaċċetta il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Emanuel Mintoff aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 01.3 Tqassim ta' responsabbiltajiet.

**01.3.01** Min dan il-ħin il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku l-Av. Daniel Attard. Is-Sindku f'isem il-membri kollha irringrazzja lir-residenti kollha ta' l-Għasri għal fiducja li tawhom biex għall-ħames snin li ġejjien flimkien imexxu dan il-Kunsill u jaħdmu għal ġid tar-residenti u r-raħal kollu. Is-Sindku u l-Kunsillieri kollha qablu li għandhom jikkoperaw flimkien biex il-Kunsill ikun jista' jieħu l-aħjar deċiżjonijiet fl-interess tar-raħal ta' l-Għasri.

**01.3.02** Il-Kunsilliera ingħataw dawn ir-responsabbiltajiet:-

Sindku – Żgħażagħ u Tfal, Qasam Soċjali
Viċi Sindku – L-Infrastruttura, Proġetti
Kunsillier Liza Mintoff – Ambjent, L-Innovazzjoni, L-Anzjani
Kunsillier Salvatore Felice Pace – l-Edukazzjoni, L-Integrazzjoni Soċjali, Il-Kultura
Kunsillier Sammy Saliba – L-Indafa, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Il-Ħarsien tal-Annimali

## 01.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**01.4.01** Il-laqgħa ntemmet fis-1:30 p.m. u ġiet aġġornatha għal nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju f'nofsinhar.

Konfermati, it-Tnejn 1 ta' Lulju 2019

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv